The compensation offered for the above mentioned plot of land is one thousand, four hundred and sixty six Euros (€1,466), according to the joint valuation made by Architects Daniel Micallef, Matthew J. Mercieca and Claude Mallia, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Lulju, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 11,468.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art fi Triq Tal-Balal, f'San Ġwann, Malta, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Tal-Balal, f'San Ġwann, Malta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna l-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 12.6 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Fruit World Limited u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Martina Buhagiar u oħrajn jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot 'ACQ5' fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0448 u stmata għall-valur ta' elf, erba' mija u sitta u sittin Ewro (€1,466),.

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fid-9 ta' Frar, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Daniel Micallef
Perit Matthew J. Mercieca
Perit Claude Mallia

Is-26 ta' April, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th July, 2022

This site plan is being published on page 11,468.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land at Triq Tal-Balal, in San Ġwann, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder at Triq Tal-Balal, in San Ġwann, Malta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 12.6 square metres, bounded on the North by a public road, on the North West by property of Fruit World Limited and on the South by property of Martina Buhagiar and others or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot 'ACQ5' on plan P.D. no. 2021_0448 and valued for one thousand, four hundred and sixty six Euros (€1,466).


Note: This is an extract of the original report given by us on the 9th February, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Daniel Micallef
Architect Matthew J. Mercieca
Architect Claude Mallia

26th April, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **232665 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 51631** **y = 74513**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5074**	Data: *Date:* **07/10/2021**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 35·9m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213111

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 974

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-5 ta' Awwissu, 2022

(File No. L411/2021)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imtarfa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 86 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mix-Xlokk u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Għajn Qajjet kantuniera ma' Triq il-Palma, fl-Imtarfa qiegħda tiġi akkwistata in konnessjoni ma' kostruzzjoni ta' roundabout.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0678, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tmint elef, erba' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€8,447.78), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Ivan Cachia, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 974

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

5th August, 2022

Description of the Land

The following land at Mtarfa:

A plot of land measuring about 86 square metres, bounded on the North by Government property, on the South East ans South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above-mentioned land at Triq Għajn Qajjet corner with Triq il-Palma, in Mtarfa is being acquired in connection with the construction of a roundabout.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0678, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is eight thousand, four hundred and forty seven Euros and seventy eight cents (€8,447.78), according to the valuation made by Architect Ivan Cachia, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-21 ta' Lulju, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 11,471.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art fi Triq Għajn Qajjet kantuniera ma' Triq il-Palma, fl-Imtarfa, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Għajn Qajjet kantuniera ma' Triq il-Palma, fl-Imtarfa, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 86 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mix-Xlokk u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0678 u stmata għall-valur ta' tmint elef, erba' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€8,447.78).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fis-6 ta' Marzu, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Ivan Cachia, A&CE

Is-17 ta' Mejju, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

21st July, 2022

This site plan is being published on page 11,471.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

*Valuation of a portion of land at Triq Għajn Qajjet corner with Triq il-Palma, in Mtarfa, required for expropriation purposes for Pu*blic Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder at Triq Għajn Qajjet corner with Triq il-Palma, in Mtarfa, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 86 square metres, bounded on the North by Government property, on the South East ans South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0678 and valued for eight thousand, four hundred and forty seven Euros and seventy eight cents (€8,447.78).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 6th March, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Ivan Cachia, A&CE

17th May, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet — *116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

Land Registration Agency — *116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **264033 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 45180 y = 71673**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4471**	Data: *Date:* **03/06/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Circa :- 86m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213559

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 975

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tal-11 ta' Jannar, 2002, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Ilum, jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-5 ta' Awwissu, 2022

(File No. L 632/74/VII)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imsida:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 112-il metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-werrieta ta' John Borg u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Giuseppa Camilleri jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 152_2001, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tletin elf, tmien mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€30,873.79), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Joseph Falzon, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 975

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 11th January, 2002, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

Today, I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

5th August, 2022

Description of the Land

The following land at Msida:

A plot of land measuring about 112 square metres, bounded on South West and North East by property of the hiers of John Borg and on the North by property of Giuseppa Camilleri or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 152_2001, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is thirty thousand, eight hundred and seventy three Euros and seventy nine cents (€30,873.79), according to the valuation made by Architect Joseph Falzon, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-7 ta' Lulju, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 11,474.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq Reġjonali, fl-Imsida, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 2002, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward l-art hawn taħt deskritta fi Triq Reġjonali, fl-Imsida, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 112-il metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-werrieta ta' John Borg u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Giuseppa Camilleri jew irjieħ verjuri, liema art tidher murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 152_2001, u stmata għall-valur ta' tletin elf, tmien mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€30,873.79).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-28 ta' April, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Joseph Falzon, BE&A (Hons)

Is-17 ta' Ġunju, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

7th July, 2022

This site plan is being published on page 11,474.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land at Triq Reġjonali, in Msida, required for exprpriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 2002, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the land mentioned below at Triq Reġjonali, in Msida, , which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 112 square metres, bounded on South West and North East by property of the hiers of John Borg and on the North by property of Giuseppa Camilleri or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue and marked as plot no. 3 on plan P.D. nru. 152_2001, and is valued for three hundred and sixty nine Euros and seventy two cents (€369.72).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 28th April, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Perit Joseph Falzon, BE&A (Hons)

17th June, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only



Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **266967 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53336** **y = 72654**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5272**	Data: *Date:* **28/06/2022**

Perit:
Architect:

Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:

Estate Management Department

Qies (metri kwadri):
Area (square metres): 112 m²

Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:

LR 213591

Dritt imhallas
Fee Paid

Nru. 976

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-25 ta' Awwissu, 1981, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Il-5 ta' Awwissu, 2022

(File No. L 683/79)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Gudja:

Biċċa art, li tinkludi 3 ikmamar rurali, bir, spiera, gorboġ u parti minn struttura rurali, tal-kejl ta' madwar 9,180 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' sqaq pubbliku, mill-Punent ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Kattidral tal-Imdina u min-Nofsinhar parti ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Kattidral tal-Imdina u parti ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. nru. 46/81, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' għaxart elef, tliet mija u ħamsa u sittin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€10,365.71), kif iffissat b'deċiżjoni mill-Bord ta' Arbitraġġ dwar l-Artijiet tad-29 ta' Marzu 1993, liema deċiżjoni biddlet l-istima tal-Perit Oscar Caruana Montalto, A&CE, li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 976

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 25th August, 1981, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

5th August, 2022

Description of the Land

The following land at Gudja:

A plot of land, including 3 rural rooms, a well, borehole, a small room and part of rural structure, measuring about 9,180 square metres, bounded on East by a public alley, on the West by property of the Mdina Cathedral Chapter and on the South partly by property of the Mdina Cathedral Chapter and partly by a public road or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour red on plan L.D. no. 46/81, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration by the President of Malta is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is ten thousand, three hundred and sixty five Euros and seventy one cents (€10,365.71), according to the decision by the Land Arbitration Board, which decision changed the valuation of Oscar Caruana Montalto, A&CE, a copy of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-27 ta' Lulju, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 11,477.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Art qiegħed nistma, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi) Kapitolu 136, il-valur liberu u frank, tal-art fil-Gudja hawn taħt deskritta, meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku.

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-proprjetà deskritta, qiegħed nistma l-valur, liberu u frank, kif jidher hawn taħt:

Biċċa art, li tinkludi 3 ikmamar rurali, bir, spiera, gorboġ u parti minn struttura rurali, tal-kejl ta' 9,180 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' sqaq pubbliku, mill-Punent ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Kattidral tal-Imdina u min-Nofsinhar parti ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Kattidral tal-Imdina u parti ma' triq pubblika;

£M3472.40,0

Dan l-ammont jinkludi £M490, £M160, £M25, £M10 u £M230, li huma l-valuri tat-3 ikmamar, bir, spiera, gorboġ u parti minn struttura, rispettivament.

Din l-art hija ndikata fuq Land Drawimg Nru. 46/81.

(Iff.) Perit O. Caruana Montalto

It-23 ta' April, 1981

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

27th July, 2022

This site plan is being published on page 11,477.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

As instructed by the Commissioner of the Land, I am assessing in terms of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance Chapter 136, the freehold and unencumbered value of the property described hereunder at Gudja, required by the Government for a public purpose

After inspecting the locality and taking into consideration the locality, and other matters which may be related to the value of the property described, I am assessing the freehold and unencumbered value, as shown hereunder:

A plot of land, including 3 rural rooms, a well, borehole, a small room and part of rural structure, measuring about 9,180 square metres, bounded on East by a public alley, on the West by property of the Mdina Cathedral Chapter and on the South partly by property of the Mdina Cathedral Chapter and partly by a public road.

£M3472.40,0

This amount includes £M490, £M160, £M25, £M10 and £M230, being the values of the 3 rooms, a well, borehole, a small room and part of structure, respectively.


This land is indicated on Land Drawimg No. 46/81.

(Sgd) Architect O. Caruana Montalto

23rd April, 1981

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **270507 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 55450 y = 67771**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5467**	Data: *Date:* **27/07/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 9,180 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213661

Dritt imħallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1356

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-2 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 161/2022ISB, li ġie ppreżentat fil-21 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet: Dimech Mary vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż u bl-inġunzzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Novembru, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Cachia Mary, 121, Venus, Flat 2, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Awwissu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, Constitutional Jurisdiction, on 2nd May, 2022, in the acts of Constitutional Appeal number 161/2022ISB, which was presented on 21st March, 2022, in the names Dimech Mary vs State Advocate et, the following publication was ordered, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, inter alia: Condemn the respondent State Advocate to pay the compensation and liquidated damages under the terms of the Law, with legal interest until the date of effective payment. With costs and with the injunction so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Appeal in the names mentioned above is adjourned for 21st November, 2022, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Cachia Mary, 121, Venus, Flat 2, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta

Register of the Superior Courts, today 1st August, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1357

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Lulju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 471/2022JVC, li ġie ppreżentat fil-3 ta' Ġunju, 2022, fl-ismijiet Calleja John et vs Fava Anthony, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut jiżgombra u jħalli battal l-imsemmija għalqa 'Tal-Wilġa' f'Ħal Għaxaq u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut minn issa inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-25 ta' Awwissu, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Fava Anthony, L-Għorfa Farmhouse, Sqaq il-Wilġa fi Triq Birżebbuġa, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Awwissu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 14th July, 2022, in the acts of Sworn Application number 471/2022JVC, which was presented on 3rd June, 2022, in the names Calleja John et vs Fava Anthony, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, inter alia: It condemns the defendant to evacuate and leave vacant the said field 'Tal-Wilġa' in Ħal Għaxaq and this within a short and peremptory time that is prefixed to him. With all the costs against the defendant from now summoned so that reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for 25th August, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Fava Anthony, L-Għorfa Farmhouse, Sqaq il-Wilġa in Triq Birżebbuġa, Ħal Għaxaq

Register of the Superior Courts, today 1st August, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1358

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Annalise Camilleri (KI 264175M) et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-porzjonijiet hawn taħt deskritti:

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mis-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (26.1.1921) fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar fil-kontrada tax-Xemxija formanti parti mill-art magħrufa bħala 'It-Trunċiera tal-Qassis' suġġetti għaċ-ċens annwu u temporanju ta' tliet ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) ġja lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1.50), pagabbli lill-Gvern ta' Malta, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom kif indikati bl-ittra I u II fuq il-pjanta annessa fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat is-sebgħa ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (07.10.2006).

i. Porzjon b'arja superfiċjali ta' ċirka tliet mija u ħames metri kwadri (305m²) u konfinanti mil-Lbiċ u min-Nofsinhar ma' Triq it-Trunċiera u mil-Lvant ma' proprjetà tar-rikorrenti stmata li tiswa ħames mija u għoxrin elf ewro (€520,000) bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei; u

ii. Porzjon b'arja superfiċjali ta' ċirka tliet mija u ħmistax-il metru kwadru (315m²) jew kejl aktar preċiż u tikkonfina mill-Grigal mal-imsemmija Triq it-Trunċiera u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' Polidano Brothers Limited jew l-aventi kawża tagħhom stmata li tiswa disgħa u tletin elf ewro (€39,000) bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei.

Is-sehem indiviż ta' żero punt disgħa fil-mija (0.9%) tal-imsemmija porzjonijiet huma proprjetà ta' sidien mhux magħrufa u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2021, ġew nominati Dr Mark A Mifsud Cutajar u PL Veronica Rossignaud għall-istess.

N.B. L-imsemmija porzjonijiet jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 9/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 25th July, 2022, after the application of Annalise Camilleri (ID 264175M) et, Thursday, 22nd September, 2022, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78 nearby the Archives Level -1 Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following portions:

The temporary utile dominium for the remaining period of one hundred and fifty years (150) commencing on the twenty sixth of January in the year one thousand nine hundred and twenty one (26.01.1921) within limits of Saint Paul's Bay in the district of Xemxija forming part of the land known as 'It-Trunċiera tal-Qassis', subject to annual and temporary ground rent of three euro and forty nine cents (€3.49) ġja one Maltese lira and fifty cents (Lm1.50), payable to the Government of Malta, free and unencumbered with all its rights and appurtenances as indicated with letter I and II on the attached plan in acts of Notary Carmelo Mangion dated seventh October of the year two thousand and six (07.10.2006).

i. Portion with a surface area of approximately three hundred and five square meters (305m²) and bounded on the southwest and south by Triq it-Trunċiera and on the east by applicants' property valued at five hundred and twenty thousand euro (€520,000) with the admission of extraneous bidders; and

ii. Portion with a surface area of approximately three hundred and fifteen square meters (315m²) or a more accurate measurements and bounded on the Northeast by the said Triq it-Trunċiera and from the other compass point by property of Polidano Brothers Limited or their successors valued at thirty nine thousand (€39,000) with the admission of extraneous bidders.

The undivided share of zero point nine (0.9%) of the said portions are property of unknown owners and by decree of the 27th January, 2021, had been nominated Dr Mark A Mifsud Cutajar u PL Veronica Rossignaud for the same.

N.B. The said portions will be sold as described in the acts of judicial sales number 9/2022.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 1st August, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1359

B'digriet tal-21 ta' Lulju, 2022, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'garaxx bin-numru sebgħa u għoxrin (27), fi Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Vassallo Marco (KI 456372M).

Vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru tal-chassis WF0HXXWPJH7P20222.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 6/21.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 21st July, 2022, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th July, 2022, on the application of J. Zammit Limited (C37945), Wednesday, 19th October, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in Garage Number twenty seven (27) in Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, Malta, of the following items seized from the property of Vassallo Marco (ID 456372M).

Vehicle of the make Ford Fiesta with chassis number WF0HXXWPJH7P20222.

N.B. The vehicle will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 6/21.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 1st August 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1360

AVVIŻ MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Viki Kay Croft (KI 367620L) ippreżentat rikors (numru 673/2022JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 3676/2020 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 2 ta' Awwissu, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE, REGISTRY OF THE CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Viki Kay Croft (ID 367620L) filed an application (number 673/2022JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 3676/2020 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 2nd of August, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603